MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1246/2008

Joseph u Antonia konjuġi **PISANI**

vs

Maria **VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta' Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-katusa "kostruwita" mill-imħarrka tqiegħdet sewwasew fuq il-ġid tagħhom u jiġifieri fl-arja tal-ġid tagħhom; (b) tikkundannaha biex tneħħiha, fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissalha; (ċ) ssib li l-imħarrka naqset li tagħmel xogħol ta' tikħil tal-faċċata tal-post tal-atturi, kif kienet intrabtet li tagħmel fil-

kuntratt li bih kisbet ħwejjiġha; u (d) tikkundannaha tħallashom is-somma ta' elf u ħamsin euro (€1,050) bħala rifużjoni ta' spejjeż li nefqu huma biex jagħmlu x-xogħol li messha għamlet hi. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Diċembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fid-9 ta' Jannar, 2009, li bih laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni u r-Rikors Maħluf ma jiswewx għaliex fihom hemm żewġ azzjonijiet distinti li ma joqogħdux flimkien u li ma jistgħux jitressqu fl-istess kawża, laqgħet ukoll bl-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni *ratione valoris* fir-rigward tat-tielet talba, dwar liema talba wkoll qanqlet il-kwestjoni tal-intempestivita' tagħha fid-dawl tal-artikolu 1077 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2009, li bih ordnat lill-atturi jfissru n-natura tal-azzjoni mressqa minnhom;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fil-15 ta' Diċembru, 2009[1], b'tifsira u sottomissjonijiet dwar in-natura tal-azzjoni tagħhom;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

[1] Paġġ. 43 sa 50 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għat-tneħħija ta' rewwieħa maħruġa minn ħajt għal fuq ġid tal-atturi u wkoll għall-kundanna ta' kumpens minħabba xogħlijiet ta' tibjid li l-atturi għamlu wara li l-imħarrka naqset li tagħmel hi dak ix-xogħol;

Illi l-imħarrkin laqgħet għal din l-azzjoni b'għadd ta' eċċezzjonijiet, uħud minnhom ta' xejra preliminari. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-azzjoni attriċi għaliex hija magħmula minn żewġ azzjonijiet differenti li ma joqogħdux flimkien f'azzjoni waħda:

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'Mejju tal-1986[2], l-atturi kisbu mingħand żewġ l-imħarrka l-post fl-istat ta' ġebel u saqaf bl-isem ta' "*Joenin*", Triq l-Aħwa Żammit, Ħal Qormi, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-post jiġi taħt id-dar tal-bejjiegħ (fejn illum tgħix l-imħarrka) u għandhom il-komunjoni tad-drenaġġ u tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita li jaqa' fuq l-appartamenti ta' fuqu u wkoll dawk ta' ħdejh. Fl-istess kuntratt, il-bejjiegħ intrabat li jagħmel xi xogħlijiet fil-faċċata tal-bini biex iġibu jaqbel mal-bqija tal-faċċata tal-blokka. Minbarra dan, l-attur irriżerva d-dritt li l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-kamra tal-bejt u fuq il-kamra tal-ħasil, jittieħed minnu fil-bir li kellu jħaffer. Il-bejjiegħ żamm il-jedd li jiftaħ rewwieħa tal-qies ta' pied wisgħa u m'ogħla tliet filati għal ġo bitħa interna tal-post mixtri mill-attur u bil-għan li jrewwaħ kantina li tinsab taħt remissa tal-bejjiegħ;

Illi bis-saħħa ta' kuntratt ieħor magħmul f'Mejju tal-1992[3], l-attur kiseb mingħand il-kumpannija Conton Limited biċċa art ta' madwar ħamsa u għoxrin metru kwadru ($25m^2$) kejl,

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 4 sa 7 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess

li tmiss mal-post miksub minnu mingħand żewġ l-imħarrka. L-atturi nqdew b'din l-art biex jagħmluha bitħa[4];

Illi fil-15 ta' Diċembru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali u ta' dritt li jorbtu l-każ, jidher li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[5], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[6];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[7]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[8];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk

---

[4] Affidavit tal-attur Dok "JP1", f'paġ. 27 tal-proċess
[5] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[6] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[7] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju
[8] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ e****t* (mhix pubblikata)

il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[9];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[10] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[11];

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrka ssemmi n-nullita' tar-Rikors Maħluf tal-atturi fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-imħarrka, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'multipliċita' ta' azzjonijiet imnisslin minn fatti (ġuridiċi) differenti li minnha nnifisha li jagħmluha insanabbli;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[12]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarita' essenzjali" u mhux partikolarita' kwalsijasi. Biex partikolarita' f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-

[9] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**
[10] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[11] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[12] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[13];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .*"[14]. Sewwasew fuq dawn il-kliem għaqlin, l-atturi jsejsu l-argument ewlieni tagħhom kontra l-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrka;

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, huwa stabilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma' waħda petitorja[15], jew li l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess (l-"*actio spolii*") ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-

---

[13] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***
[14] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)
[15] App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.778**)

żamma fil-pussess (l-"*actio manutentionis*") u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji[16];

Illi l-azzjoni li ressqu l-atturi fil-kawża tal-lum hija maħsuba li tilħaq żewġ għanijiet: li tordna t-tneħħija ta' katusa (li sservi bħala rewwieħa jew aħjar ċumnija) li nħarġet minn ġol-post tal-imħarrka għall-arja tal-bitħa tal-post tal-atturi, u li tikkundanna lill-imħarrka biex tħallashom somma li l-atturi jgħidu li nefqu biex għamlu xogħol ta' invjar u fuq il-fil fil-faċċata meta dak ix-xogħol messu għamlu żewġha. L-attur innifsu jistqarr li bl-azzjoni tal-lum, huwa "jittanta li jesegwixxi żewġ drittijiet tiegħu distinti pero' li jikkonċernaw l-istess proprjeta'". B'dan il-mod, l-atturi jisħqu li din tagħhom m'hijiex żewġ azzjonijiet distinti;

Illi fin-Nota ta' Sottomssjonijiet tagħha[17], l-imħarrka tgħid li t-tliet talbiet attriċi huma fis-sewwa żewġ azzjonijiet li ma joqogħdux flimkien, u li jmisshom tressqu f'żewġ azzjonijiet separati. Hija żżid tgħid li l-istess talbiet jitnisslu minn fatti ġuridiċi differenti (l-inadempiment kontrttwali u l-ħolqien ta' servitu') u jirrigwardaw żewġ bnadi differenti tal-istess post tal-atturi (il-faċċata tad-dar u r-rewwieħa maħruġa fuq l-arja tal-bitħa interna). Lanqas ma jista' jingħad li fl-azzjoni attriċi jeżistu ċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi fl-artikolu 161(3) tal-Kapitolu 12;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni taħt eżami m'għandhiex mis-sewwa, u dan għaliex bl-ebda mod ma jista' jingħad li t-talbiet attriċi (u l-premessi li ntgħamlu qabilhom) huma tassew radikalment inkompatibbli[18]. Huwa minnu li dawk l-istess talbiet setgħu qagħdu f'żewġ atti ġudizzjarji differenti (jekk mhux ukoll saħansitra tressqu quddiem żewġ qrati differenti), iżda b'daqshekk biss ma jiġix li l-azzjoni hija milquta minn dik in-nullita' li l-liġi taħseb għaliha fl-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa siewi li jitfakkar li biex att ġudizzjarju jitqies bla siwi, jrid tabilfors jaqa' f'xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba f'dak l-artikolu. L-imħarrka ma tindika l-ebda

[16] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[17] Paġ. 58 tal-proċess
[18] Ara, f'kuntest jixxiebah, P.A. **30.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Grech*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1048**)

waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi. Minbarra dan, bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-imħarrka qiegħda ġġarrab preġudizzju gravi bil-mod kif tressaq ir-Rikors Maħluf jew li tinsab f'qagħda li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha mit-talbiet attriċi, jekk mhux bit-tħassir tal-att innifsu. Fuq kollox, jidher li jkun għaqli wkoll li, safejn ma jkunx hemm inkompatibilita' radikali u biex ma jinħolqux azzjonijiet żejda, fejn parti tista' tazzjona lil parti oħra b'kawża waħda, ikun aktar xieraq li jsir hekk milli l-istess parti toqgħod tazzjonaha b'diversi atti ġudizzjarji;

Illi l-Qorti tagħmilha ċara li dak li ngħad hawn fuq ma jfisser bl-ebda mod li hija qiegħda tasal għal xi fehma dwar il-mertu tal-azzjoni tal-atturi. Fl-istat li jinsabu fih l-atti tal-kawża s'issa ma joħroġ ftit li xejn minn dan bħala prova tanġibbli u li wieħed jista' joqgħod fuqha. Dak li trid tfisser il-Qorti hu biss fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami u jekk it-talbiet attriċi jistgħux joqogħdu flimkien fl-istess azzjoni mressqa mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrka, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi m'hijiex mistħoqqa fid-dritt u billi ma tirriżulta l-ebda nullita' tar-Rikors Maħluf kif imfissra fil-liġi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------